**Anġlu meta ...**

Anġlu meta tidħak
Għax tifraħ b'dak li ssib,
Anġlu meta tfarraġ
Lil min taħt is-salib.

Anġlu meta tiftaħ
Għajnejn dak li żbalja,
Anġlu meta tilqa'
Lil min spiċċa nkalja.

Anġlu meta tifhem
Lil jokrob bl-uġiegħ,
Anġlu meta tisma'
Lil min sieħbu ferieħ.

Anġlu meta taħfer
Lil min ma jridx jaf bik,
Anġlu meta tagħder
Lil min dlonk ittradik.

Naf, mhux ħafifa tkun
Anġlu, fl-eqqel tiġrib,
Int fittex kun wieħed
Id-dinja lilek trid.

Patri Mario Attard OFM Cap
30 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.